# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 747

**KAZ NRU. 698**

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Lawrence Vella

u

Sanga Limited

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

**Chairman : Is-Sur Anthony Farrugia L.P.**

## I. INTRODUZZJONI

Dan il-kaz gie riferit lil dan it-Tribunal mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra mmarkata ME 62/92/38 li ggib id-data tal-hdax (11) t'Awissu 1992, biex jigi deciz skond is-sub-artikolu (2) ta' l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 266 tal-Ligijiet.

It-Tribunal, wara li kkunsidra l-Istqarrijiet tal-Kaz taz-zewg partijiet, il-provi kollha prodotti u s-sottomissjonijiet finali ta' l-istess partijiet wasal ghad-decizjoni tieghu kif sejjer jinghad.

## II. IL-MERITU TAL-KAZ

Lawrence Vella, 'il quddiem jissejjah "l-appellant" kien impjegat bhala "mechanic" mid-disgha (9) ta' Jannar 1989 ma' Sanga Limited, 'il quddiem tissejjah "il-Kumpanija".

Nhar is-Sibt tmintax (18) ta' Lulju 1992 l-appellant, ghalkemm kien ordnat biex jahdem "overtime" naqas li jaghmel dan u l-Kumpanija hargitlu "warning".

Is-Sibt ta' wara, cioe' il-hamsa u ghoxrin (25) ta' l-istess xahar, l-appellant rega' ma dahalx biex jahdem "overtime" kif kien ordnat u hawnhekk il-Kumpanija ttermínatlu l-impjieg.

## III. KUNSIDERAZZJONIJIET

Il-Kumpanija allegat nuqqasijiet da parti ta' l-appellant u ghalhekk il-piz tal-prova hu kollu u biss fuqha u dan a bazi tal-principju fundamentali li dejjem gie mhares minn dan it-Tribunal li "min jallega jrid jipprova"; principlu iehor li gie kkunsidrat minn dan it-Tribunal meta gie biex jiddeciedi dan il-kaz hu li "it-tkeccija mill-impjieg hi decizjoni l-aktar drastika li wiehed ghandu jehodha bhala l-ahhar mezz biex isolvi Kwistjoni tax-Xoghol."

Gie ampjament pruvat li l-appellant ma attendiex biex jahdem "overtime" fiz-zewg Sibtijiet imsemmija; hu ma cahadx li ma attendiex izda gab bhala raguni principali li s-Sibt kienet il-gurnata

li kienet iffissata mill-Qorti biex hu, li kien ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni minn ma' martu, jkun jista' jmur jara lill-ibnu.

Gie ppruvat, bl-ammissjoni ta' l-istess appellant li hu qatt ma kiteb jew ikkuntattja lill-mara tieghu b'xi mod biex jasal ghal arrangament iehor rigward l-access ghat-tifel.

Raguni ohra ghar-rifjut da parti tieghu biex jahdem "overtime" kienet in-nuqqas ta' pre avviz kif previst fil-Ftehim Kollettiv iffirmat bejn il-Kumpanija u l-Union li tirrapprezenta lill-haddiema.

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet finali tieghu, l-appellant ghamel hafna enfasi fuq li l-Kumpanija, skond hu, ma mxietx anzi kisret ripetutament dak li hemm provdut fl-imsemmi Ftehim Kollettiv. Kemm fin-numru ta' kazi ta' dixxiplina li kellu qabel ma gie mkecci kif ukoll fl-ahhar zewg kazi ta' rifjut li jahdem "over-time".

Rigward il-kazi ta' dixxiplina kull fejn l-appellant deherlu li l-Kumpanija kienet qed tikser l-imsemmi Ftehim Kollettiv hu seta' liberament jirrikorri ghand is-"Shop Steward" ta' l-Union biex ihares id-drittijiet tieghu; dan m'ghamlux x'aktarx ghaliex, kif xehed hu stess, certi "warnings" hadhom bic-cajt, atteggament ta' nuqqas ta' responsibilita' u serjeta'.

Rigward il-pre avviz ta' 24 siegha li ghandu jinghata biex l-

impjegati jahdmu "overtime" dan jista' jkun iqsar jekk ikun hemm xi cirkostanza eccezzjonali jew "force majeure" u ovvjament l-eccezzjonalita' jew il-"force majeure" ta' din ic-cirkostanza tiddecidihom il-Kumpanija u mhux l-impjegati.

L-argument li l-Kumpanija kellha "deadline" biex tlesti certa ordni u ghalhekk ma kellhiex thalli sa l-ahhar sieghat ta' kull nhar ta' Gimgha qabel ma tavza lill-impjegati biex dawn jidhlu biex jahdmu "overtime" l-ghada, japplika wkoll ghall-appellant li la kien jaf li x-xoghol kien ghaddej b'certu ritmu seta' stenna li s-Sibt kien sejjer ikun hemm bzonn li jidhol jahdem "overtime".

L-appellant kellu zewg toroq x'jaghzel : jew it-tifel jew l-impjieg; ta' missier hu ghazel it-tifel u forsi ghamel sewwa izda peress li hu, bhala mpjegat, kellu certi doveri lejn il-Kumpanija, irid isofri l-konsegwenza ta' l-ghazla tieghu cioe' li jitlef il-post tax-xoghol, kif fil-fatt gralu. Ghalkemm it-Tribunal jista' jasal biex jissimpatizza ma' l-appellant, fl-istess hin ma jistax jammetti l-assenza ta' l-uniku "mechanic" waqt li jkun qieghed isir "overtime" b'numru ta' magni jahdmu, magni li fin-natura taghhom ta' spiss ikollhom bzonn ta' l-attenzjoni tal-"mechanic". Jekk jieqfu numru minn dawn il-magni u ovvjament ma jkunx jista' jsir xoghol fuqhom, il-konsegwenzi huma ovvji.

Fil-fehma ta' dan it-Tribunal il-Kumpanija ppruvat sodisfacente-ment li hi kellha raguni "tajba u bizzejjed" biex tittermina l-impjieg ta' l-appellant. Minbarra l-imsemmija zewg okkazzjonijiet ta' rifjut da parti ta' l-appellant li jahdem "overtime" u li

wasslu ghat-tkeccija tieghu, il-Kumpanija elenkat sensiela ta' nuqqasijiet da parti ta' l-istess appellant li ghalihom, f'certi kazi, inghatalu "warning"; b'dan il-mod il-Kumpanija wriet li hi osservat il-principju ga msemmi cioe' "li t-tkeccija wiehed ghandu jehodha bhala l-ahhar haga biex isolvi Kwistjoni tax-Xoghol".

IV. DECIZJONI

In vista tal-premess, wara li jiddikjara li l-Kumpanija, cioe' Sanga Limited kellha raguni "tajba u bizzejjed" biex tittermina l-impjieg li kellu maghha l-appellant, cioe' Lawrence Vella, jiddeciedi dan il-kaz billi jichad it-talba ta' l-istess appellant.

Ghall-finijiet tar-Regolamenti ta' l-1986 dwar Drittijiet li jithallsu (A.L. 48 ta' l-1986) maghmula taht l-imsemmi Kapitolu, it-Tribunal qieghed jintaxxa, lil kull wiehed miz-zewg difensuri, d-drittijiet fis-somma ta' erbghin liri maltin (Lm40).

B'hekk dan it-Tribunal itemm dan il-kaz.

SEGRETARJU TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Vera Kopja

ft/Anthony Farrugia
CHAIRMAN

Illum : Tlieta (3) t'Ottubru 1996

George Attard
SEGRETARJU
mrg